# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu, 2002.**

**Kawza Numru: 39**

**Citaz. Nru. 2216/98GV**

Doc. 216-02

**Rita Grogan f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri Ashley Grogan, u b'digriet tal-4 ta' Frar, 2000 l-isem tal-attrici gie mibdul ghal Rita Paris stante li zwieg bejn il-partijiet gie dikjarat null u b'digriet tal-31 ta' Mejju, 2000 kunjom l-attrici gie mibdul ghal-Cilia stante z-zwieg taghha ma Alessandro Cilia**

**vs**

**Vincent Grogan, Alessandro Cilia u d-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-attrici zzewget lill-konvenut Vincent Grogan bil-Knisja Parrokkjali tal-Kalkara fit-8 ta' Dicembru 1990;

Premess illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti kienet saret

impossibbli, fil-fatt b'digriet tas-Sekond Awla ta' dina l-Onorabbli Qorti fis-16 ta' Settembru, 1996, il-kontendenti kienu gew awtorizzati jipprocedu bil-kawza ghas-separazzjoni personali ghar-ragunijiet indikati fir-rikors ta' l-attrici tad-9 ta' Awissu, 1993;

Premess illi l-kontendenti Grogan fil-fatt ma ghexux aktar flimkien mis-sena 1992 'l hawn u fil-fatt l-attrici ilha tghix f'relazzjoni stabbli mal-konvenut l-iehor Alessandro Cilia, ghal dawn l-ahhar tlett snin, u cioe' mis-sena 1995;

Premess illi wkoll minn din ir-relazzjoni l-ewwel twieled Shaun Grogan fil-25 ta' Lulju, 1996 u fid-9 ta' Frar, 1998 twieled it-tieni tifel, Ashley Grogan u dan kif jidher mic-certifikat tat-twelid mahrug mir-Registru Pubbliku (kopja hawn annessa u mmarkata 'Dok. A');

Premess illi a rigward ta' l-ewwel wild diga bdiet tinstemgha kawza ghall-istess skopijiet tal-kawza odjerna;

Premess illi l-istatus attwali tal-minuri Ashley Grogan hu ta' iben Alessandro Cilia u mhux iben Vincent Grogan kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi fit-8 ta' Ottubru, 1996 il-konvenut Vincent Grogan stess kien iddikjara bil-gurament tieghu quddiem in-Nutar Alex Sciberras Trigona, illi t-tifel li welldet Rita Grogan fil-25 ta' Lulju 1996, u cioe' Shaun Grogan m'huwiex it-tifel naturali tieghu (kopja tad-dikjarazzjoni guramentata hawn annessa u mmarkata 'Dok B');

Premess illi ghalhekk, bhal fil-kaz ta' l-ewwel wild, hemm konflitt bejn ir-realta' ta' l-istat tal-minuri Ashley Grogan u l-istat tieghu kif iddikjarat fl-att tat-twelid tieghu (ara Dok A);

Premess illi fil-fatt Ashley Grogan huwa iben Alessandro Cilia u mhux ta' Vincent Grogan kontrarjament ghal dak ufficjalment irregistrat fl-Att tat-Twelid tieghu;

Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-konvenut Alessandro Cilia hu missier naturali ta' Ashley Grogan li twieled fid-9 ta' Frar, 1998;

2. Bhala konsegwenza tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-Atti tat-twelid ta' l-istess minuri (Dok. A) mid-Direttur tar-Registru Pubbliku billi jigu miktuba l-isem u l-kunjom ta' missier it-tarbija u cioe' ta' Alessandro Cilia, sengha jew stat iehor tieghu, l-eta' tieghu u l-post fejn twieled u fejn joqghod, u isem u kunjom missieru, jigu mhassra l-konnotati riferibbli ghall-konvenut Vincent Grogan u jigu minflokhom fil-kolonni appositi mnizzlin il-partikolaritajiet ta' Alessandro Cilia kif inghad hawn fuq u/jew kull korrezzjoni ohra skond il-ligi;

Bl-ispejjez, kontra l-istess konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat ir-rikors a fol. 7 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 25 tal-process fejn eccepixxa:

Illi huwa mhux edott mill-fatti allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba salv li jkunu l-ahjar u soddisfacenti skond il-ligi;

Illi huwa m'ghandux ibati spejjez;

Salv kull eccezzjoni ulterjuri spettanti lill-eccipjenti.

Rat li l-konvenuti l-ohra baqghu kontumaci;

Rat id-digriet a fol. 38 u 42 li bih gie nominat bhal perit Dr. V. Galea;

Rat id-digrieti a fol. 49 u 58;

Rat ir-relazzjoni a fol. 67 et seq;
Rat is-sentenza a fol. 97;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara li l-konvenut Alessandro Cilia hu l-missier naturali ta' Ashley Grogan li twieldet fid 9 ta' Frar 1998; bhala konsegwenza tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att ta' twelid ta' l-istess minuri Dok A mid-Direttur tar-Registru Pubbliku billi jigu miktuba l-isem u l-kunjom ta' missier it-tarbija, u cioe ta' Alessandro Cilia, sengha jew stat iehor tieghu, l-eta' tieghu u l-post fejn twieled u fejn joqghod, u isem u kunjom missieru, jigu mhassra l-konnotati riferibbli ghall-konvenut Vincent Grogan u jigu minflokhom fil-kolonni appositi mnizzlin il-partikolaritajiet ta' Alessandro Cilia kif inghad dawn fuq u/jew kull korrezzjoni ohra skond il-Ligi.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa li huwa mhux edott mill-fatti allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba salv li jkunu l-ahjar u sodisfacentement skond il-ligi; li huwa m'ghandux ibati spejjez.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Perit Legali nominat minn dina l-Qorti sema' lill-attrici u lill konvenut Alessandro Cilia, u mill provi prodotti u wara li ghamel il-konsiderazzjonijiet legali u fattwali necessarji wasal ghall-konkluzzjoni (ara fol. 77) li t-talbiet ta' l-attrici kif dedotti fic-citazzjoni ghandhom jigu milqugha.

Il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, u wara li rat ir-rapport tal-perit nominat, hija tal-fehma li l-kostatazzjonijiet maghmulin mill-perit gudizzjarju, kif ukoll il-konkluzzjonijiet minnu raggjunti huma gusti u korretti u hija tikkondividihom u taghmillhom taghha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici u:

1. Tiddikjara li l-konvenut Alessandro Cilia hu l-missier naturali ta' Ashley Grogan li twieldet fid-9 ta' Frar 1998;

2. Bhala konsegwenza tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att ta' twelid ta' l-istess minuri Dok A (fol. 5) mid-Direttur tar-Registru Pubbliku billi fil-kolonna "Isem u l-kunjom u post tat-twelid tal-missier", l-isem Vincent Grogan (Pieta' Malta) jigu mhassra u minflok jigu miktuba il-konnotati ta' Alessandro Cilia, sengha jew stat

iehor tieghu, l-eta' tieghu u l-post fejn twieled u fejn joqghod, u jsiru l-korrezzjonijiet kollha mehtiega sabiex jigi rifless li l-istess Alessandro Cilia huwa l-missier naturali tal-minuri Ashley.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn l-attrici u l-konvenut Alessandro Cilia, inkluzi l-ispejjez kollha tal-istess konvenut Vincent Grogan u tad-Direttru tar-Registru Pubbliku, liema l-ahhar imsemmija zewgt konvenuti ma ghandhomx ibaghtu spejjez.

Illi di piu', il-Qorti tordna li kopja legali u formali tal-istess sentenza tigi trasmessa formalment lid-Direttur tar-Registru Pubbliku skond il-Ligi sabiex isiru il-korrezzjonijiet necessarji a spejjes tal-istess attrici.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**